MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1067/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Germann Cassar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Germann Cassar detentur tal-karta tal-identita` numru 405873(M).

Akkuzat talli:

Nhar l-10 ta’ Frar 2011, matul il-jum ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta’ filghodu, f’dawn il-Gzejjer u cioe` fi Triq Dr. Guze’ Miceli, l-Gzira, kkommetta serq ta’ flus kontanti minn gewwa vettura tat-tip Toyota Ist bin-numru tar-registrazzjoni XER 014, liema serq huwa kkwalifikat bix-

xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-mezz u li sar ghad-detriment ta’ Cheryl Grace Falzon u/jew ta’ persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fuq vettura tat-tip Toyota Ist bin-numru tar-registrazzjoni XER 014, liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (Ewro 1,164.69c) izda tiskorri l-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin (Ewro 116.47c) li sar ghad-detriment ta’ Cheryl Grace Falzon u/jew ta’ persuni ohra;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti pprezentati, inklus il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati izda li sussegwentament ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fil-verbal tat-tmienja (8) ta’ Ottubru, 2012, u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Rat li l-imputat radd lura kull dannu li huwa kkaguna.

Semghet il-kordinatur tal-Agenzija Sedqa li l-imputat ghamel b’success programm kontra d-dipendenza fuq id-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 278(1) u (3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat Germann Cassar hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 qed tpoggih taht Probation Order ghal sentejn.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation

Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------